# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 882/14/1 GM**

**Carmel Charles Borg**

**v.**

**APS Bank Limited (C-2192) li bi provvediment tad-9 ta' April, 2019 inbidel għal APS p.l.c., C.A.B. Limited (C-21419), ACE Investments Company Limited (C-13468), Joseph Ferriggi u Judith Ferriggi u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2019 l-interess ta' Judith Ferriggi ġie trasfuż f'isem il-konvenut l-ieħor Joseph Ferriggi stante l-mewt ta' Judith Ferriggi, Nazzareno Borg, Maria Grazia magħrufa bħala Mary Grace Borg**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressaq l-attur fit-8 ta' Ottubru, 2014 u li jaqra hekk:

"1. Illi ismu jidher fuq il-*guarantee* datata erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (24 ta' Frar, 1999) (hawn annessa u markata Dok A);

2. Illi skond l-imsemmija *guarantee*, ir-rikorrent kien qiegħed jikkostitwixxi ruħu bħala garanti għall-ħlas lura ta' faċilitajiet ta' self u overdraft mogħtija mill-Bank intimat lis-soċjeta` C.A.B Limited, liema garanzija kienet solidali mal-imsemmija soċjeta` C.A.B Limited favur l-istess Bank intimat APS Bank Ltd. U dana għall-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin ewro (€232,937.00).

3. Illi r-rikorrent kien iffirma l-imsemmija *guarantee* unikament u biss stante illi l-intimat Nazzareno Borg, illi jiġi missier ir-rikorrenti, kien informal ill-istess rikorrenti illi huwa (l-imsemmi Nazzareno Borg) kellu bżonn lir-rikorrent jiffirma dokument illi permezz tiegħu kienu sejrin jagħmlu *succession planning*, u ċioe`, kostituzzjoni ta' mekkaniżmu sabiex l-oneru fiskali naxxenti minn suċċessjoni jiġi mnaqqas kemm jista' jkun.

4. Illi r-rikorrenti li dak iż-żmien kellu l-eta` ta' ħamsa u għoxrin (25) sena ma kellu l-ebda raġuni għaliex ma jafdax lil missieru u għalhekk ġie faċilment imqarraq mill-istess missieru.

5. Illi kwindi r-rikorrent iffirma "dokument" illi, fil-fehma tiegħu, kien appuntu dokument relattiv għall-kostituzzjoni ta' l-imsemmi mekkaniżmu.

6. Illi effettivament, meta dan seħħ, ir-rikorrenti kien konvint, fuq l-iskorta ta' dak illi kien intqal lili mill-intimat Nazzareno Borg, illi id-dokumentazzjoni illi kien qiegħed jiffirma kienet appuntu dokumentazzjoni relattiva għall-ħolqien ta' tali mekkaniżmu.

7. Illi fil-fatt meta rċieva n-notifika tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1345/2014 fit-13 ta' Settembru, 2014 ir-rikorrent sussegwentement ħa parir mingħand l-Avukat Dottor Lorna Mifsud Cachia illi spjegat lilu t-tifsira u l-konsegwenzi kollha tal-*guarantee* annessa mal-istess mandate kawtelatorju u, inoltre, l-effetti legali ta' tali dokument.

8. Illi r-rikorrent ma kienx jaf, qabel tali spjegazzjoni, x'inhija garanzija u l-effetti ta' garanzija solidali.

9. Illi l-istess rikorrenti ma kienx jaf x'inhija garanzija u l-effetii ta' garanzija solidali qabel tali spjegazzjoni tal-imsemmi Avukat Dottor Lorna Mifsud Cachia stante illi huwa qatt ma ffirma xjentement xi dokument kostitwenti garanzija solidali favur ħadd u effettivament ħadd qatt ma kien spjegalu l-effetti u l-konsegwenzi legali ta' tali garanzija solidali. Illi, tabilħaqq, kieku xi ħadd kien spjegalu l-effetti u l-konsegwenzi legali ta' dak illi kien sejjer jiffirma, l-istess rikorrenti ma

kienx jagħti l-kunsens tiegħu għall-istess u ma kienx jiffirma tali *guarantee.*

10. Illi kwindi l-kunsens tar-rikorrenti fuq il-*guarantee* datata erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u disgħa u disgħin (24 ta' Frar, 1999) u kontenut fid-dokument hawn anness u markat **Dok. A** kien vizzjat bi frodi u/jew bi żball u dana stante illi huwa ta' l-kunsens tiegħu biss permezz tal-firma tiegħu fuq l-istess dokument stante illi l-intimat Nazzareno Borg kien qal lir-rikorrent illi d-dokument illi kien qiegħed jitolbu illi jiffirma kien dokument illi permezz tiegħu kienu sejrin jagħmlu *succession planning*, u ċioe`, kostituzzjoni ta' mekkaniżmu sabiex l-oneru fiskali naxxenti minn suċċessjoni jiġi mnaqqas kemm jista' jkun.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

(i) Tiddikjara illi l-kunsens tar-rikorrenti fuq il-*guarantee* datata erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u disgħa u disgħin (24 ta' Frar, 1999) hawn annessa u markata Dok A huwa null stante illi l-kunsens tar-rikorrenti ġie mogħti bi żball dwar il-fatt li jaqa' fuq is-sustanza innifisha ta' l-oġġett tal-*guarantee* a tenur tal-Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili (il-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jew karpit bi kliem qarrieqi jew għemil doluż da parti tal-intimat Nazzareno Borg skond l-Artikolu 981 tal-Kodiċi Ċivili (il-Kapitlu tal-Liġijiet ta' Malta);

(ii) Tirrexxindi konsegwentement tali *guarantee* datata erbgħa u għoxrin ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u disgħa u disgħin (24 ta' Frar, 1999) hawn annessa u markata Dok A u konsegwentement tħoll lir-rikorrenti mill-garanzija solidali.

"Bl-ispejjeż kontra l-intimati illi minn issa huma inġunti għas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata li ressaq il-bank konvenut li in forza tagħha eċċepixxa illi:

"1. Illi mhux minnu li l-kunsens mogħti mir-rikorrent fuq il-garanzija relattiva hu b'xi mod vizzjat u għaldaqstant mhux minnu li l-garanzija relattiva mogħtija u ffirmata mir-rikorrent hi nulla. Għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent huma assolutament infondati u għandhom jiġu miċħuda.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-kunsens mogħti mir-rikorrent fuq il-garanzija relattiva ngħata skont il-liġi bir-rekwiżiti kollha li tirrikjedi l-liġi u għalhekk dan il-kunsens huwa validu u l-garanzija relattiva ffirmata mir-rikorrent tikkostitwixxi rabta vinkolanti skont il-liġi. Għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent huma assolutament infondati u għandhom jiġu miċħuda.

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikors ġuramentat odjern mhu xejn ħlief tentattiv infondat tar-rikorrent biex jipprova jeħles u jevadi mill-obbligazzjonijiet legali u vinkolanti minnhu validament assunti. Għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent huma assolutament infondati u għandhom jiġu miċħuda.

4. Illi mingħajr preġudizzju għal-premess, it-talbiet kollha tar-rikorrent huma bla bażi u huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

"Għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati u għandhom jiġu kollha miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrent".

3. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta ACE Investments Co. Ltd. u ta' Dr. Joseph Ferriggi u martu Judith Ferriggi li in forza tagħha eċċepew illi:

"1. Illi preliminarjament, ċertament li l-eċċipjenti mhumiex il-leġittimu kuntraditturi in kwantu għall-pretensjonijiet hekk kif avvanzati mir-rikorrenti f'din il-kawża. Għalhekk l-eċċipjenti m'għandhom ibatu ebda spejjeż in konnessjoni ma' din il-kawża u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni rikorrenti hija perenta u dan ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi ċertament li l-eċċipjenti ma jaħtu għal ebda għemil doluż fil-konfront tar-rikorrenti u per konsegwenza t-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-eċċipjenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

4. Bla preġudizzju għall-premess, dak allegat minn Carmel Charles Borg irid jiġi ppruvat minnu u hi r-responsabilita` ta' kulmin jiffirma dokument li jara x'inhu u x'ifisser u x'effetti għandu tali dokumenti;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

"Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa hu nġunt għas-subizzjoni".

4. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta C.A.B Ltd. u ta' Nazzareno Borg li in forza tagħha eċċepew illi:

> "1. Illi preliminarjament, ċertament li l-eċċipjenti mhumiex il-leġittimu kuntradditturi in kwantu għall-pretensjonijiet hekk kif avvanzati mir-rikorrenti f'din il-kawża. Għalhekk l-eċċipjenti m'għandhom ibatu ebda spejjeż in konnessjoni ma' din il-kawża u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> 2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni rikorrenti hija perenta u dan ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi ċertament li l-eċċipjenti ma jaħtu għal ebda għemil doluż fil-konfront tar-rikorrenti u per konsegwenza t-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-eċċipjenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrentil;
>
> 4. Bla preġudizzju għall-premess, dak allegat minn Carmel Charles Borg irid jiġi ppruvat minnu u hi r-responsabilita` ta' kulmin jiffirma dokument li jara x'inhu u x'ifisser u x'effetti għandu tali dokument;
>
> 5. Salv eċċezzjonijiet oħra.
>
> "Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li minn issa hu nġunt għas-subizzjoni".

5. Rat illi l-konvenuta Grace Borg ġiet dikjarata kontumaċi;

6. Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Lulju, 2020, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

> "(1) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti konjuġi Ferriggi u ACE Investments Limited u t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti C.A.B. Limited u ta' Nazzareno Borg, li b'mod identiku jqanqlu favur tagħhom il-preskrizzjoni ossia perenzjoni a tenur tal-Artiklu 1222 tal-Kodiċi Ċivili.
>
> (2) tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenuti.
>
> (3) tilqa' l-ewwel talba tal-attur billi tiddikjara illi l-kunsens tiegħu fuq il-*guarantee form* datata 24 ta' Frar 1999 huwa null billi ġie mogħti bi żball dwar il-fatt li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oġġett tal-*guarantee* kif ukoll ġie karpit b'egħmil doluż da parti tal-konvenut Nazzareno Borg.
>
> (4) tilqa' t-tieni talba tal-attur billi tirrexxindi l-imsemmija garanzija datata 24 ta' Frar 1999 u konsegwentement tħoll lill-attur minnha.

"Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż inklużi dawk tal-konvenuta Grace Borg u l-konvenuti l-oħrajn huma kollha a kariku tal-konvenuti Nazzareno Borg u C.A.B. Limited".

7. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Xi ħadd iffalsifika l-firma tal-attur fuq il-*Form K* sabiex ġie mpoġġi bħala direttur/segretarju tal-kumpannija C.A.B. Ltd. bla ma kien jaf.[1] L-espert kalligrafu Juliana Scerri Ferrante kkonfermat il-falsita` tal-firma.[2]

**11 ta' Frar 1999**: Il-garanzija in kwistjoni ġiet iffirmata mill-attur fil-preżenza ta' missieru u tan-Nutar Anthony Abela li ffirma bħala xhud tal-firma tal-attur. Uffiċjal tal-APS Bank iffirma fuqha fl-24 ta' Frar 1999.

L-attur jistqarr hekk:

> "Missieri ħadni għand in-Nutar Anthony Abela biex niffirma xi dokumenti. Appuntu, dawn id-dokument kellhom ikunu dokumenti fuq il-wirt, għallinqas hekk qaluli. Ngħid hekk għax dak iż-żmien illi kont mort għand in-Nutar niffirma, jiena u missieri dejjem fuq il-wirt tkellimna. Dak iż-żmien missieri kien isemmi illi kienu nbidlu xi liġijiet tat-taxxa tas-suċċessjoni fis-sens illi kieku huwa kien joħloq kumpanniji b'tali mod li jgħaddi fuqhom il-proprjeta` illi kellu, meta huwa kien jiġi nieqes jiena ma kienx ikolli nħallas taxxa tas-suċċessjoni għax kollox kien sejjer ikun fil-kumpanniji diġa`u jiena ma neħel xejn taxxa. Kien spjegali wkoll illi dawn kienu metodi legali biex wieħed inaqqas kemm iħallas taxxa . Jiena emmintu għax wara dan kollu, dan kien missieri u ma kelli ebda raġuni għalfejn nissusspetta ħażin. Missieri qatt ma kellimni fuq garanzija jew ipoteki jew affarijiet bħal dawn. Ngħid illi jiena ma kontx naf b'dawn il-kunċetti fis-snin 1995-1999 u għal ħafna snin wara qatt ma kont smajt bihom. Qatt ma għaddieli minn moħħi illi kelli ismi fuq garanzija għax id-diskors li kien isir ma' missieri kien, dak iż-żmien illi (issa ngħid) ġiet iffirmata l-garanzija fis-sens biss illi konna qegħdin nagħmlu dokumenti sabiex jinqaleb kollox f'ismi."[3]

"Lil missieri ma staqsejtux, ma kontx insaqsih[4]… għax qatt ma bsart li lanqas lil missierek ma tista' tafda fid-dinja!"[5]. Infatti, f'dak iż-żmien, jekk missieru kien jgħidlu biex jagħmel xi ħaġa, l-attur kien jagħmilha mingħajr mistoqsijiet ta' xejn għax qatt ma ħaseb li missieru seta' jagħmillu d-deni.

---

[1] Affidavit tal-attur 28.07.2015 para 8
[2] fol 449
[3] Affidavit tal-attur paragrafu 11.
[4] Kontro-eżami seduta 19.04.2017 paġna 4
[5] ibid. Paġna 14

Josianne Gauci, uffiċjal tal-APS, ikkonfermat li l-attur ma marx il-bank dwar il-garanzija.[6]

In-Nutar Anthony Abela xehed li "aħna ma noqgħodux nidħlu fil-mertu, la min jiġi għall-ġuramenti u lanqas min jiġi għal dawn l-affarijiet, imma ma noqgħodux jidħlu fil-mertu ta' xhie qed jiffirmaw… (aħna) xhud tal-firma u daqshekk"[7]

Il-*guarantee form* li hija *standard form* ipprintjata mill-Bank, esibita turi l-firma tan-nutar bħala xhud tal-firma. Ma hemmx miktub li fiehem il-kontenut tagħha.[8]

Skont **Nazzareno Borg**: Ibnu kien jaf x'iffirma u hu kien spjegalu li hu kien se jkun garanti mas-soċjeta` C.A.B. Limited fejn hu kien direttur. In-Nutar staqsa lill-attur jekk qarax id-dokument li kien sejjer jiffirma u l-attur qallu iva. Qal ukoll li jiftakar li n-nutar kien spjegalu xi tfisser li tkun garanti.[9]

**Lulju 2009** L-attur irċieva ittra mill-APS Bank. Mar biha għand l-avukat Michael Tanti Dougall. Qallu li kien sejjer jiċċekkjalu x'kienet il-biċċa[10]. Għaddiet sena sakemm l-avukat irranġalu appuntament mal-APS Bank. Sadanittant l-attur beda jagħmel l-investigazzjonijiet tiegħu u sab li xi ħadd kien iffalsifika l-firma tiegħu fuq il-Form K kif fuq spjegat.

Imbagħad mar għand in-Nutar Anthony Abela li "xejn, ma qalli xejn, qabad u ma weġibni xejn. Kull ma kienqalli – issa d-diskussjoni eżatta ma niftakarhiex, imma din niftakarha; qalli intom (fehem li b'riferenza għall-attur u ommu) lil missierek kollox kontu tiffirmawlu. U x'ħin staqsejtu domanda oħra qabad u għalaq ħalqu u ma weġibna xejn għaliha.[11] In-Nutar, mistoqsi, ċaħad li l-attur qatt mar jilmenta miegħu.[12]

Wara reġa' mar għand l-Av. Tanti Dougall li kien qallu li din kienet garanzija ta' mitt elf lira Maltin li kienet tfisser li jekk il-kumpannija C.A.B. ma tħallasx iduru fuq in-*next in line* u kien spjegalu li kien hemm sistema ta' turġien, u li l-attur kien fl-aħħar tarġa net. Spjegalu li f'dan it-taraġ, l-ewwel kien hemm il-kumpannija, imbagħad iduru fuq it-Tabib Ferriġġi, fuq ommi u fuq missieri u mbagħad jekk ma jaslux huma iduru għalih fl-aħħar nett.

L-attur stqarr ukoll li l-avukat Tanti Dougall dejjem kien jgħidlu li l-flus li kellhom jidħlu mill-bejgħ tal-ispiżerija kellu jmur biex jinqata' d-dejn kollu tal-kumpannija mal-APS u fl-istess waqt isir kuntratt ieħor bejn il-partijiet kollha li kienu garanti biex hu jinqala' 'l barra mill-garanzija.

[6] fol 417
[7] Kontro-eżami seduta 14.05.2018 a fol 519
[8] fol 11
[9] fol 540
[10] affidavit tal-attur para 4
[11] kontro-eżami seduta 19.04.2017 paġna 16; ara wkoll affidavit tal-attur para 9
[12] fol 528

Jgħid li l-avukat Tanti Dougall kien qallu li l-ftehim kien qiegħed jinħema għaliex kienu daħku bih biex ġiebu l-firma tal-attur fuq id-dokument tal-garanzija.

**20 ta' Novembru 2012:** mar, akkumpanjat minn martu, għand **l-avukat Lorna Mifsud Cachia** li spjegatlu l-import tal-garanzija li skontha kien garanti solidali. L-avukat xehdet li "Hekk kif spjegajt dan kollu lil Charles u lil Joanne, intbaħt mill-ewwel li kont qed nagħtihom aħbar devastanti… kien każ ta' xokk kbir, enormi. Indunajt li Charles ma kellux idea illi kienet garanzija solidali u biex inkun vera għidt kollox, bdejt nibża' illi kien ser itiħ ħass ħażin fl-uffiċċju tiegħi.[13]" "Mir-reazzjoni ta' Charles fl-uffiċċju tiegħi, minħabba x-xokk kbir illi rajt b'għajnejja, jien ma għandix dubju illi kien proprju dakinhar, u ċjoe` fl-20 ta' Novembru 2012, illi Charles kien sar jaf tabilħaqq li l-garanzija kienet waħda solidali… Niftakarni ċarissima naħseb bejni u bejn ruħi kemm kien f'qagħda kerha Charles, f'qagħda kerha kemm minħabba l-garanzija ta' eta` daqshekk żgħira iżda, fuq kollox, għax Charles kien daħak bih missieru stess"[14]

**Joanne Borg Galea**, mart l-attur, ikkorroborat dak li xehed żewġha [15] dwar l-għarfien tiegħu dwar l-import tal-garanzija.

**2014:** L-APS Bank ippreżenta kawża kontra C.A.B Ltd. u l-garanti għad-debitu tagħha. Ftit wara l-attur ippreżenta l-kawża odjerna;

***aspetti legali***

Ikkunsidrat:

Illi l-pretenzjoni tal-attur hija speċifikament arġinata fuq żewġ motivi tal-vizzju tal-kunsens u timmira għall-annullament tal-garanzija *de quo.* Din il-Qorti tirravviża li l-fattispeċje, almenu kif allegati mill-attur, jindikaw li din il-garanzija mhux biss hi annullabbli, imma addirittura nulla, għaliex dan mhux każ fejn hemm volonta` vvizzjata, imma każ fejn addirittura huwa allegat li m'hemm l-ebda volonta`. Li jfisser li m'hemmx akkordju, li huwa wieħed mill-elementi kostituttivi ta' kwalunkwe ftehim. F'dan il-każ, l-attur qiegħed jallega li huwa ma ftihem fuq l-ebda garanzija; il-ftehim li kien qiegħed jifhem li qed isir kien ieħor kompletament differenti, u dan kien ma' missieru biss u mhux ukoll mal-APS Bank u l-garanti l-oħrajn li allegatament lanqas biss kien jaf li kellu x'jaqsam magħhom. Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana, fuq każi simili, irrimarkat li:

> *"Secondo una pronuncia, il contratto non sarebbe annullabile, bensi` radicalmente nullo, qualora i raggiri siano stati utilizzati non per*

[13] affidavit tal-Av. Dr. Lorna Mifsud Cachia tal-01.03.2016 para 4
[14] ibid para. 5
[15] affidavit a fol 441 kontro-eżami a fol 495.

*suscitare nella controparte l'intento di contrattare, bensi` per indurla a tenere un comportamento del quale ignorava il contenuto negoziale*[16]*.*

*Quando un contraente sottoscrive una dichiarazione negoziale, su invito dell'altro, essendo tratto in inganno circa la natura negoziale del contenuto della dichiarazione, non ricorre dolo, che e` vizio di volonta`, ma si ha difetto assoluto di volonta`, e quindi nullita`ex art. 1418 e 1325 n. 1*[17]*;"*

Illi hemm distinzjoni bejn ineżistenza ta' kuntratt; in-nullita` tiegħu, u l-annullabilita`:

In-**nullita`** hija l-forma l-iktar gravi ta' invalidita` negozjali. Il-kuntratt ikun null minħabba (1) defiċjenza strutturali, fi kliem ieħor in-nuqqas jew l-impossibilita` ta' element kostituttiv, inkella (2) l-ħsara soċjali, iġifieri ma jkunx leċitu. **Kuntratt null ma jipproduċi l-ebda effett sa mill-bidunett tiegħu**. Pero` l-kuntratt ikun jeżisti. **In-nullita` trid tingħażel mill-ineżistenza** bħala l-assenza ta' fatt jew att li soċjalment jaqbel man-nozzjoni ta' kuntratt. Distinzjoni li għalkemm diffiċli li ssir fil-prattika, b'danakollu xorta qiegħdha hemm. Skont Trabucchi[18], hemm **ineżistenza** fil-każijiet "in cui manchino gli elementi materiali dell'atto" filwaqt li n-nullita`"comprende anche tutti i casi, praticamente assai piu` importanti, nei quali sono presenti gli elementi materiali e mancano invece gli elementi giuridici dell'atto (es. vendita immobiliare conclusa senza atto scritto).

Għal dak li jgħodd għal din il-kawża, hemm dawn id-differenzi bejn in-nullita`u l-annullabilita`[19]:

-fl-annullabilita`, b'differenza għan-nullita`, l-elementi kollha tal-kuntratt ikunu preżenti; fosthom il-volonta`. Fl-annullabilita`, din hemm qiegħdha; għalkemm tkun inkisbet b'mod ivvizzjat

- in-nullita` mhix preskrittibli bl-istess mod tal-annullabilita`

- negozju null m'huwiex sanabbli

- l-azzjoni tan-nullita` hija waħda ta' sempliċi aċċertament; l-azzjoni ta' annullament hija waħda "kostituttiva" u potestattiva

- leġittimazzjoni attiva: in-nullita` tispetta liż-żewġ kontrattanti; l-annullabilita` lill-vittma;

---

[16] C 73/163 in senso critico v. Carresi, v. 460. Cian & Trabucchi, *Commentario Breve al Codice Civile* 13 ed. 2018, Articolo 1439, paġna 1564

[17] C77/163. Cian & Trabucchi, *Commentario Breve al Codice Civile* 13 ed. 2018, Articolo 1439, paġna 1566

[18] Alberto Trabucchi, *Istituzioni di Diritto Civile*, 48th ed., a cura di Giuseppe Trabucchi, 2017 paġni 156, 166

[19] Andrea Torrente & Piero Schlesinger, Manuale di Diritto Privato, 18th ed., 2007 para. 342, paġni 594,595

L-elementi kostituttivi ta' kuntratt huma l-ftehim, l-oġġett, il-*causa* u l-forma meta din tal-aħħar tkun meħtieġa taħt piena ta' nullita`;

**Ftehim** ifisser kunsens reċiproku mill-partijiet dwar il-kontenut tal-kuntratt. Il-kongruwenza formali jew esterjuri tad-dikjarazzjonijiet tagħti lok għall-preżunzjoni li hemm ftehim jew akkordju, imma mhux li bilfors ikun hemm ftehim, jew li l-ftehim ikun intlaħaq skont it-tifsira li tidher mill-atti. Hi regola interpretattiva fundamentali li wieħed ma jistax jieqaf fuq it-tifsira tal-kliem imma jrid jindaga fuq l-intenzjoni komuni tal-partijiet;

Il-mankanza tal-ftehim li twassal għan-nullita` trid tinftiehem bħala fattispeċje oġġettiva li fiha jiġi identifikat ġuridikament l-akkordju, u mhux bħala defiċjenza tal-volonta` negozjali, f'liema każ ikun hemm kuntratt validu imma annullabbli. Jekk imbagħad ma jkunx hemm att soċjalment valutabbli bħala akkordju jkun hemm l-ineżistenza tal-kuntratt;[20]

Illi hu xogħol l-imħallef li jagħti l-kwalifika ġuridika lir-rapport li fuqu tkun ibbażata d-domanda. B'danakollu, hemm limitu safejn jista' jagħmel dan. Irid jillimita ruħu għall-fatti kostituttivi mressqa quddiemu. Iqum iżda l-kweżit ta' x'jifhem wieħed bil-fatti: il-fatti storiċi jew il-fatti ġuridiċi (*causa petendi*) impoġġija bħala bażi tad-domanda? Fuq dan il-pont, hemm nuqqas ta' qbil kemm bejn l-awturi, kemm fil-ġurisprudenza, kif ukoll bejn id-diversi sistemi legali. Trattisti bħal Mattirolo, Andrioli[21], u Carnelutti[22] li jagħtu każ tal-prinċipju dipositiv b'mod rigoruż, jinsistu li d-deċiżjoni tal-imħallef tkun marbuta mhux biss mal-fatti storiċi, imma wkoll mal-fatti ġuridiċi, jew il-*causa petendi*, għax altrimenti s-sentenza tkun ivvizzjata bl-*ultra petita*. Chizzini[23] jikkummenta li din il-viżjoni stretta ma ġietx milqugħa minn Chiovenda u minn parti mid-dottrina li segwiet it-tagħlim tiegħu.[24] Dawn isostnu li ġaladarba l-oġġett tal-proċess għandu jaqbel mad-dritt soġġettiv, fi kliem ieħor mas-sitwazzjoni soġġettiva affermata, l-imħallef jista' jistrieħ fuq fatti kostituttivi li, minkejja li ma jkunux affermati minn xi parti jew oħra, b'danakollu jirriżultaw mill-atti tal-kawża[25];

Illi talba għall-annullament timplika dritt potestattiv ta' impunjattiva kuntrattwali li titwieled minn kuntratt, li min jitlob l-annullament jista' wkoll, minflok, jitlob li jiġi esegwit. Jekk ikun hemm nullita`, ma tkunx possibbli t-talba għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt billi ma jkun hemm l-ebda rapport ġuridiku. Talba għall-annullament tippresupponi l-validita` tal-kuntratt. Azzjoni għall-annullament u azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullita` huma differenti kemm fil-*petitum* kif ukoll fil-*causa petendi*.

---

[20] C Massimo Bianca, *Diritto Civile*, Vol 3, Il Contratto 2a ediz., 2000, para. 330, paġna 616
[21] Andrioli, *Lezioni*, cit p. 169
[22] Carnelutti, *Istituzioni del processo civile italiano*, I, Roma, 1956, p. 210
[23] Augusto Chizzini, *La Tutela Giurisdizionale dei diritti*, Art. 2907, fis-sensiela Il Codice Civile Commentato, 2018, paġni 125 sa 127
[24] Chiovenda, *Identificazione*, p. 163; Liebman, Manuale, I.p.83
[25] Luiso, *Diritto Processuale*, I, p. 237

Ingħad li l-imħallef li, investit bil-konjizzjoni ta' waħda, jiddikjara l-oħra, jaqa' fid-dnub tal-ultrapetizzjoni,  billi jagħti lill-parti xi ħaġa differenti minn dak li tkun tablet;[26]

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-leġislatur Malti jifhem li l-imħallef hu marbut mhux biss mal-fatti storiċi imma mal-*causa petendi*. Tant li fil-każ ta' qrati ta' ġurisdizzjoni inferjuri, "jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, il-qorti tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors". Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li *a contariu sensu*, jekk Qorti Superjuri ssib jedd ieħor li t-talba ma tkunx ibbażata fuqu b'mod preċiż, ma tistax tibbaża s-sentenza tagħha fuq dak il-jedd hekk misjub minnha. Altrimenti dan id-dispost tal-Art. 213 tal-kodiċi ta' proċedura kien ikun superfluwu. Ma jidhirx li din il-Qorti għandha s-setgħa li għandhom Qrati Taljani li jippronunzjaw *ex officio* n-nullita` tal-kuntratti;

Illi għalhekk din is-sentenza mhix sejra tkun ibbażata fuq in-nullita` tal-garanzija *de quo*, iżda fuq l-allegata annullabilita` tagħha fit-termini li fih ġiet imressqa fir-rikors ġuramentat u ċjoe` abbażi tal-vizzju tal-kunsens minħabba qerq u żball;

Illi billi l-konservazzjoni tal-kuntratti hija fl-interess ġenerali għaliex hija prinċipju t'ordni pubbliku; f'kawżi ta' impunjazzjoni tal-kuntratti minħabba vizzju tal-kunsens il-Qorti trid timxi b'massima ċirkospezzjoni għaliex m'għandha qatt tannulla att li għandu jibqa' in vigore;

***Il-qerq***

Ikkunsidrat:

Illi l-qerq huwa kwalunkwe forma ta' raġġir li jbiddel ir-rieda kuntrattwali tal-vittma. **Labeone**[27] jiddefeniha bħala *omnis calliditas, fallacia, machinatio ad circumveniendum, fallendum, decipiendum alterum adhibita*. Meta l-qerq jiddetermina l-kunsens, iġifieri jġiegħel lill-vittma li tistipula kuntratt li kieku ma kinitx tikkuntratta, huwa kawża tal-annullabilita` tal-kuntratt. Il-qerq jista' jkun ukoll kawża tan-nullita` tal-kuntratt bħala impossibilita` ġuridika;

Illi biex jissussisti l-qerq għall-fini ta' vizzju tal-kunsens iridu jikkonkorru dawn l-elementi elaborati tul iż-żmien mid-dottrina u mill-ġurisprudenza:

(a) "A costituire i raggiri **non basterebbe il fatto di un predominio acquistato ed esercitato da una persona sull'altra** per indurla al contratto, ma occorre un elemento specifico costituito dalle false rappresentazioni, dagli **artifizi fraudolanti**, dallo inganno, usati quale

[26] Giuseppe Chine` & Andrea Zoppini con il coordinamento di Marco Fratini, *Manuale di Diritto Civile* 2a ed. 2011, paġna 1143 et seq.
[27] Marcus Antistius Labeo, ġurista Ruman fl-epoka ta' Awgustu

mezzo per raggirare la scarsa intelligenza dell'altro contraente".[28]

(b) Il-kunċett tal-kelma "raġġir" jimplika l-intenzjoni li tinfluwixxi l-kunsens tal-vittma permezz ta' komportament ingannevoli. Ir-raġġir jista' jsir **bi kwalunkwe mezz**, **inkluż permezz tal-gidba,**[29]

(ċ) Huwa prinċipju illi r-raġġiri, biex jannullaw il-kuntratt, **iridu jkunu gravi** u tali li jneħħu f'min jikkuntratta l-konsapevolezza, il-liberta`, u l-indipendenza tal-kunsens[30]. Kif esprimew ruħhom il-Qrati tagħna fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza Taljana, 'il raggiro dev'essere capace di allontanare la ragione e sopraffare la volonta`'[31] u għalhekk **l-iskaltrezza** ta' waħda mill-partijiet u **l-imperizja, ispensjeratezza jew il-kredulita`** tal-parti l-oħra mhumiex biżżejjed biex il-ftehim jiġi annullat.[32]

(d) "*I raggiri usati da uno dei contraente sono stati* ***tali che senza di essi l'altra parte non avrebbe contratto***" [33] Fi kliem iehor l-ingann irid ikun **il-kawza determinanti** li ta lok għall-ftehim li għaqqad in-negozju. [34]

(e) Ir-riċerka jekk l-egħmil doluż kienx kif għall-finijiet ta' din l-azzjoni hemm bżonn li jkun, jiġifieri determinanti, **hija waħda ta' fatt**, li għandha tigi **meqjusa fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ**.

(f) Il-mezzi qarrieqa jridu jkunu **idoneji li jingannaw lill-vittma**. Din l-idoneita` **ma tridx tiġi vvalutata fl-astratt imma fil-konkret**, u ċjoe` f'relazzjoni maċ-ċirkustanzi, il-personalita` u l-kundizzjonijiet fiżjotipiċi tal-vittma.[35] Għalhekk **huwa rrilevanti jekk persuna attenta kienet tevita l-ingann billi tuża' d-diliġenza normali.** L-idoneita` triq tinftihem bħala n-ness ta' kawżalita` li jrid ikun hemm bejn l-azzjoni qarrieqa u l-istipulazzjoni tal-kuntratt. Jekk il-mezz ma jkunx idoneju, fiċ-ċirkostanzi, li jqarraq bil-vittma, allura l-kunsens tiegħu ma jkunx ivvizzjat.

Kif josserva l-**Laurent** (para. 524) '**ogni vizio del consenso è individuale e deve essere valutato dal punto di vista della persona che contratta.** Il magistrato deve mettersi al posta di quella per determinare l'influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull'animo di lui ...'. L-istessjgħid il-**Planiol** '*Dol civil et dol criminal'* no. 37, pag. 571, u l-**Baudry,** (para. 103), bil-kliem:- '*Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la*

[28] Giovanni Farrugia Gay -vs- Emanuele Farrugia Gay", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 (Vol. XXIV.ii. 578);
[29] Bianca, op.cit., para. 358, paġna 665
[30] Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital. Art 1115 paragrafi 48 u 92
[31] Kollez. XXIV.ii.578
[32] Kollez. XXIX.ii.832
[33] Terese Galea -vs- Salvatore Bonnici a Vol. X pagna 592.
[34] Alice Cassar Torreggiani -vs- Albert R. Manche`, Appell Civili, 17 ta' Marzu 1958 (Vol. XLII.I.126);
[35] Bianca, op.cit., para 359, paġna 666

*persona che ha acconsentito fosse più o meno intelligente, se date le circostanze fosse più o meno facile ingannarla'*.

**Cassar Torreggiani v Manche`**[36] applikat dan **it-test soġġettiv** favur il-vittma-xerrej li afdat lill-bejjiegħ u straħet fuq dak li qalilha billi dak kien persuna ta' ċerta pożizzjoni soċjali, minkejja li naqset li tagħmel riċerka li setgħet tagħmel rigward il-pjanu li kienet qiegħdha tixtri mingħandu:

Il-konvenut qalilha li:

- xtara l-pjanu tad-ditta Nani bil-prezz ta' £177 mentri fil-fatt xtrah bil-prezz ta' £125. Il-Prim'Awla qalet li l-isproporzjon bejn il-prezz u l-valur tal-ħaġa ma kinitx minnha nnifisha tikkostitwixxi raġġir (XXIV.ii.578);

- qalilha li kienet sejra tagħmel *bargain.* Il-Qorti qalet li l-provi kienu insuffiċjenti fir-rigward.

-qalilha li l-pjanu kien xtrah ġdid fjamant u kien ilu għandu 8 xhur biss. Irriżulta li kien ilu għandu iktar iżda l-Qorti attribwietu għal żball tal-bejjiegħ, mhux ingann intenzjonali.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tal-attriċi, li appellat. Il-Qorti tal-Appell filwaqt li qablet mar-raġunament tal-ewwel Qorti dwar il-prezz, sabet li l-fatt li, għalkemm kien xtara l-pjanu 8 xur qabel, il-pjanu kien ilu għandu b'kera għal iktar minn sentejn, u kien jintuża' regolarment, u li allura meta xtrah ma xtrahx ġdid fjamant, imma sekonda man. Din il-kwalita` tal-pjanu – kemm kien ilu jintuża – kienet waħda determinanti għall-attriċi, li ma kinitx sejra tħallas dak il-prezz għal pjanu hekk qadim.

Il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Illi huwa veru li l-attriċi setgħet tagħmel indaġini fuq il-prezz u l-eta` tal-pjanu, billi titkixxef mingħand id-ditta importatriċi ta' dawk il-pjanijiet; iżda l-attriċi ma kellhiex raġun tiddubita mill-assikurazzjonijiet tal-konvenut, speċjalment meta assikuraha li ma riedx jidħaq biha x'ħin qaltlu li kienet semgħet mingħand Maestro Azzopardi li l-pjanu ma kienx tiegħu. U tabilħaqq, il-konvenut kien bniedem magħruf bħala persuna ta' ċerta pożizzjoni, u l-attriċi kellha fiduċja fih; u **kienet preċiżament dik il-fiduċja u l-pożizzjoni soċjali tal-konvenut li kkontribwew biex irnexxa l-ingann**. Mingħajr dak l-ingann l-attriċi ma kinitx tasal biex tiddeċiedi li tixtri dak il-pjanu, meta b'£10 iżjed milli ftehmet mal-konvenut setgħet tixtri pjanu ġdid fjamant mingħand id-ditta importatriċi".

**Prokuratur Legali Joseph Zammit v Joseph Fenech** kien każ ieħor fejn il-Qorti tat piż lejn il-kwalita` tal-persuna li nduċiet lill-vittma biex tagħti l-kunsens tagħha. Kien ukoll każ li fih, bħall-każ istanti, il-vittma

[36] Alice Cassar Torreggiani v Albert R. Manche` 17.03.1958 Kollez. XLII.i.126

ffirmat garanzija bankarja wara li ġiet imqarrqa dwar il-veru kontenut tagħha, bid-differenza li f'dak il-każ kien il-manager tal-Bank li żvija lill-vittma. Il-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-14.07.2008 irrevokat sentenza tal-Prim'Awla għax sabet li meta l-garanti ffirma l-*guarantee forms* tal-Bank of Valletta, kien inghata x'jifhem li l-karta li kien ingħata biex jiffirma, hekk kif sarraf iċ-ċekk, kienet riċevuta u mhux garanzija. Il-vittma qatt ma kellu ebda relazzjoni ta' negozju ma' Fenech (id-debitur tal-bank) u ma kellux għalfejn jagħmel garanzija għal somma ta' flus li, wara kollox, kien ħareġ biex jagħmel pjaċir lil Fenech wara li kien ingħata assigurazzjoni mill-bank li huwa sejjer jitħallas lura mingħajr problemi s-self li l-istess vittma kien għamel lil Fenech. Il-**vittma mmanifesta l-intenzjoni li jiffirma riċevuta għall-ammont li kien ġie rimborżat lilu mill-bank iżda ċertament ma kellu ebda intenzjoni li jiffirma garanzija** – ħaġa li wara kollox ma kellux għalfejn jagħmel stante li ma kellu ebda relazzjoni ta' negozju jew ta' natura oħra mal-konvenut Fenech. Il-Qorti ċanfret l-aġir xejn professjonali tal-*manager* tal-bank.

(g) Kif stabbilit mil-liġi, id-dolo jew frodi **ma huwa qatt preżunt** iżda jrid jigi ppruvat minn min jallegah. Trid allura ssir il-prova li parti waħda użat *scienter* **raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi**[37],

(h) "*A provare il dolo **bastano gli indizi e le congetture purche` siano gravi e concordanti,** si da generare la convinzione che la liberalita` o il contratto impugnato e` stato l'effetto di raggiri usati dall'altra parte o da terzi.*"[38]

(i) Ir-riżultat tal-azzjoni qarrieqa huwa, ġeneralment, li jwaqqa' lill-vittma fi żball; iżda m'hemmx għalfejn jirrikorru l-elementi kollha tal-iżball bħala vizzju tal-kunsens minnu nnifsu biex ikun hemm żball indott mill-qerq. Li jgħodd hu li l-qerq ikun tali li jwassal lill-vittma biex jikkuntratta meta altrimenti ma kienx jagħmel hekk. B'hekk l-azzjoni qarrieqa tista' tkun dwar il-presupposti, l-elementi jew l-effetti tal-kuntratt billi, per eżempju, twassal lill-vittma biex temmen li skont il-kuntratt jakkwissta drittijiet differenti minn dawk li verament ikunu jiskattaw minnu;

***l-iżball***

Illi l-iżball jikkostitwixxi vizzju tal-volonta` meta jkun wieħed essenzjali. Skont it-**Trabucchi**[39] ikun essenzjali meta jaqa':

- fuq in-natura jew l-oġġett tan-negozju. Natura: ħsibt li qiegħed nikri, iżda għamilt kuntratt ta' bejgħ (error in negozio). Oġġett: ħsibt li qed nixtri l-qamħ, iżda xtrajt prodott ieħor (error in corpore)

[37] ("Joseph Mifsud nomine -vs- Paul Tanti" u "Josephine mart Francis Galea -vs- Perit Walter Caruana Montaldo iz-zewg kawzi decizi rispettivament fl-4 ta' Frar 1965 u s- 16 ta' Dicembru 1970);
[38] "Innocenzo Galea -vs- M. Zammit", Appell Civili, 3 ta' Dicembru 1919 (Vol. XXIV.I.203)
[39] Trabucchi, ibid., paġna 129

- fuq l-identita` tal-oġġett: ħsibt li qed nixtri qamħ mill-għalqa ta' Ċikku iżda kien mill-għalqa ta' Peppi. Inkella dwar il-kwalita` tal-oġġett. Xtrajt flixkun aċtu għax ħsibtu nbid. Xtrajt ċurkett għax ħsibtu tad-deheb iżda kien tar-ramm (*error in substantia*)

- identita` jew kwalita` determinanti tal-persuna (*intuitu personae*).

Il-Qrati tagħna qablu ma' dan it-tagħlim, u rritenew li żball ta' fatt jipproduci n-nullità tal-konvenzjoni meta jaqa' fuq is-sustanza tal-ħaġa li tifforma l-oġġett tal-konvenzjoni, u li hija l-opinjoni preferibbli li l-kelma 'sustanza' għandha tittieħed bhala sinonimu ta' 'kwalità sostanzjali' u li **din il-kwalità tiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet**[40];

Illi fil-kawża **Pisani vs Mamo**, [41]intqal li, "*La dottrina da accettarsi nella soggetta materia e' quella secondo qui l-**errore non puo' addursi quando e' effetto di grande negligenza**, per cui il contraente avrebbe potuto accorgersi dell'errore anche con lieve diligenza, perche` in tal caso e' da applicarsi la massima qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire"*. Aktar riċenti, din il-Qorti fil-kawza **Piscopo vs Filletti** decisa fis-16 ta' Gunju, 2003, osservat li l-iżball ta' fatt irid ikun sostanzjali u skuzabbli; ma hemmx żball skużabbli dak li wiehed jaqa' fih meta l-fatti li għalihom jirreferixxi dak l-izball kienu facilment accertabbli";

Il-liġi trid tipproteġi l-kunsens ta' dak li jkun, pero` ma tridx lanqas tasal li tħassar kuntratt b'riżultat ta' kredulita` żejda da parti tal-vittma; [42]

***Riżultanzi fid-dawl tal-provi akkwiżiti u tal-prinċipji legali suesposti***

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija moralment konvinta li l-attur qiegħed jgħid il-verita`. M'għandhix dubbju ġie mqarraq minn missieru li wrieh id-debba u qabbiżlu l-ħmar. Jgħid li dak iż-żmien kienu għadu żgħir, ma kien jifhem xejn fil-garanziji bankarji u li kellu fiduċja għamja f'missieru. In-Nutar Abela kkorrobora l-verżjoni tal-attur li ma fehmux il-kontenut tagħha, anke billi kif jirriżulta mill-istess *guranantee form*, l-involviment tal-istess Nutar kien biss bħala xhud tal-firma. Min-naħa l-oħra, il-missier ikkontradixxa dak li qal in-Nutar. Qal li n-nutar fiehem lil ibnu x'kien qiegħed jiffirma. Qal ukoll li qabel marru għand in-nutar, huwa wkoll fiehem lil ibnu għalxiex kienu sejrin għand in-Nutar. Huwa ċaħad li qarraq b'ibnu billi qallu li kien sejjer jiffirma dokument għal skop ta' taxxa ta' suċċessjoni. Il-Qorti ma temminx lill-missier anke minħabba ċ-ċirkostanza tal-falsifikazzjoni anteċedenti tal-firma tal-iben fuq il-form K,

---

[40] "Illi dan kif gie kkonfermat fis-sentenza M. G. Philips vs R. Storace et (A.K. 14 ta' Frar 1941 - Vol. XXXI.i.12), Vol. XXXII.ii.157, kif ukoll C. Zarb et vs G. Xuereb (A.K. 13 ta' Ottubru 1998 - Col. LXXXII,ii,1027)
[41] deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l- Appell fis-7 ta' Novembru, 1933.
[42] Giorgi, Teoria delle Obbligazioni Vol IV paġna 127

anke jekk mhux ippruvat min iffalsifika l-firma. Il-fatt hu li l-iben ġie mpoġġi bħala direttur tal-kumpannija C.A.B. Limited mingħajr ma kien jaf u mingħajr ma kellu l-ebda involvement fil-kumpannija, fi żmien meta huwa kien jaħdem barra minn Malta. In-Nutar ikkorrobora wkoll l-allegazzjoni tal-attur li kellu fiduċja għamja f'missieru meta qallu li lill-missieru huwa u ommu kienu jiffirmawlu kollox;

Illi l-verżjoni tal-attur hija wkoll ikkorroborata mix-xhieda ta' martu kif ukoll tal-avukat Lorna Mifsud Cachia, li ddeskrivew il-kondotta tiegħu f'episodji li seħħu wara l-iffirmar tal-iskrittura. B'mod partikolari, ix-xhieda tal-avukat Mifsud Cachia hija waħda grafika li ma tħalli lok għal ebda dubbju kemm li l-attur kien ġie mqarraq minn missieru kif ukoll li sa dakinhar li tagħtu l-parir ma kienx jaf li kien iffirma biex ikun garanti solidali, u kien mingħalih li kien garanti *in subsidium* biss;

Illi ma jirriżultax li l-attur waqa' fl-iżball minħabba n-negliġenza tiegħu. Waqa' fl-iżball minħabba l-gideb ta' missieru;

Illi ċertament ma jirriżultax dak allegat fit-tielet eċċezzjoni tal-APS Bank p.l.c. li l-kawża tallum ma hi xejn għajr attentat biex l-attur jeħles mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu;

***Dekadenza tal-azzjoni***

"Illi l-konvenuti konjuġi Ferriggi u ACE Investments Limited eċċepew li l-azzjoni hijha perenta skont Art. 1222 tal-Kodiċi Ċivili. Skont Art. 1223(1), fil-każijiet ta' żball u ta' egħmil doluż, iż-żmien jibda jgħodd biss "minn dakinhar li jinkixef id-difett". Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur li l-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda jgħaddi mill-20 ta' Novembru 2012, għax kien dakinhar li sar jaf li kien garanti solidali, anke jekk kien sar jaf li hu garanti qabel dak il-jum. Dan billi ma kienx jaf li kien garanti solidali. Għalhekk, qabel l-20 ta' Novembru 2012, ma jistax jingħad li "nkixef id-difett", għaliex kien inkixef biss parti minnu u mhux kollu. Anke jekk il-preskrizzjonijiet u perjodi ta' dekadenza jsiru fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt, xorta waħda huma ta' natura odjuża in kwantu jeqirdu drittijiet akkwiżiti għal raġuni ta' utilita` soċjali u mhux minħabba raġuni strettament ġuridika; jimplikaw rinunzja ta' dritt u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti għandhom jiġu strettament interpretati, u kwalunkwe dubbju dwar il-portata tagħhom għandu jmur favur il-kreditur. Din il-kawża ġiet ippreżentata fit-8 t'Ottubru 2014 u għalhekk qabel m'għadda l-perjodu ta' sentejn;"

8. Rat ir-rikors tal-appell ta' Dr. Joseph Ferriggi u Nazzareno Borg li in forza tieghu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha:

> "…tħassar, tiċħad, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Lulju, 2020 u tilqa' u takkorda l-eċċezzjonijiet tal-appellanti kif ukoll dan l-appell intavolat u dan taħt dawk il-provvdimenti li jidhrilha xierqa u opportuni bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat Carmel Charles Borg".

9. Rat ir-risposta ta' Carmel Charles Borg li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha:

> "…illi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fl-intjerita` tagħha tiċħad l-appell interpost bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti u tordnahom iħallsu l-ispejjeż doppjament in kwantu l-appell interpost huwa pależement u manifestament frivolu u vessatorju".

10. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

12. Illi f'din il-kawża l-attur qed jallega li l-formola ta' garanzija li huwa ffirma a favur il-bank konvenut għandha tiġi annullata peress illi hu ffirma l-istess garanzija bi żball u wara li ġie pprattikat qerq minn missieru. Hu jgħid li ffirma għax missieru qallu li kienu sejrin għand nutar sabiex jirranġaw xi ħaġa ta' taxxa f'kumpanija. Hu ma qarax id-dokument qabel ma ffirma u n-Nutar xehed li ma kienx xogħlu li jfiehem l-iskrittura iżda li jiċċertifika l-awtentiċita` tal-firma.

13. L-ewwel Qorti dehrilha li kellha temmen l-verżjoni tal-attur li hu kien iffirma bi żball fuq is-sostanza u kwindi annullat l-iskrittura ta' garanzija.

14. Sar appell mis-sentenza u qed jingħad li s-sentenza hija żbaljata, peress li ma jeżistux l-elementi kollha rikjesti biex ikun hemm vizzju tal-kunsens.

15. Din il-Qorti tibda biex tosserva li biex ftehim jiġi invalidat, l-iżball irid ikun sostanzjali u <u>skużabbli</u>. Anke meta jkun hemm żball riżultat ta' qerq, huwa dejjem meħtieġ li l-istess żball ikun skużabbli. Ma huwiex żball skużabbli dak li wieħed jaqa' fih meta l-fatti li għalihom jirreferixxi dak l-iżball kien faċilment aċċertabbli. L-attur jgħid illi hu ppresta fiduċja f'missieru, pero`, dan ma jiskolpax in-nuqqas ta' attenzjoni li wera l-attur waqt l-iffirmar tal-formola ta' garanzija.

16. Kawża li għandha xebh ma' din il-kawża u li fiha saret espożizzjoni tal-ġurisprudenza in materja hija dik fl-ismijiet "**Piscopo v. Filletti et**", deċiża fis-16 ta' Ġunju, 2003, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (per Imħallef P. Sciberras). F'dik il-kawża l-attur xtara vettura *sekonda mano* għax ħaseb li kienet barra ilha biss sentejn; hu ried jannulla l-bejgħ għax sab li, fil-verita`, kienet ilha barra erba' snin. Hu allega li ħa karrozza bi żball u għax ġie ngannat mill-venditur. Il-Qorti ċaħdet it-talba għax qalet li l-iżball, f'kull każ, ma kienx skużabbli. Partijiet rilevanti mis-sentenza ta'

dik il-Qorti qed jigu hawn riprodotti għax jittaljaw sew mal-mertu ta' dan il-każ.

> *"Fil-kaz de quo ma jistax jitqies li l-izball lamentat kien wieħed skuzabbli. Skond l-istess attur "jiena kont fdajtu u ma nsistejtx izzejjed għal log book peress li kien ħabib u kont fdajtu. Kieku kont naf ma kontx nixtriha jew kont noffri prezz anqas.";*
>
> *Fil-fehma tal-Qorti meta l-attur ma ħax il-briga li jezamina l-logbook jew jagħmel l-aċċertamenti l-oħra tiegħu, qabel ma ħa konsenja tal-vettura u ħallas tagħha, ix-xiri għamlu, kif jgħid il-Vidari ("Corso di Diretto Commerciale", Vol. III p 467) "a rischio e pericolo suo". Dan anke għaliex ma messux qagħad fuq is-semplici dikjarazzjonijiet ta' min begħlu, u "allora se egli si ingannera`, peggio per lui, ghiacche non dovrebbe imputare di proprio danno se non alla propria ignoranza o negligenza." Kif ingħad tant tajjeb fis-sentenza "Francis Penza –vs- John Mallia", Appell, 6 ta' Mejju 1991, "l-imprudenza u l-leggerezza tal-kontraenti mhix raguni ta' annullament ta' kuntratt.";*
>
> *Anke allura minn din l-ottika l-kawza ta' l-attur tisfuggi in realta` għat-teorika ta' l-izball;*
>
> *L-attur ippremetta wkoll dejjem għall-istess motivi fuq dedotti, illi l-kunsens tiegħu kien gie karpit b'qerq;*
>
> *A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-egħmil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta.";*
>
> *Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;*
>
> *Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi – "Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn moħħu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-ieħor u tal-fiducja riposta fiħ";*
>
> *Dan jattalja mal-ħsieb traccjat fis-sentenza "Giovanni Farrugia Gay –vs- Emmanuele Farrugia Gay", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1921 fejn jingħad li "occorre un elemento specifico costuito dalle false rappresentazioni, degli artifizi fraudolenti, dello inganno, usati come mezzi per raggirare la scarsa intelligenza dell' altro contraente";*

*Naturalment kif jgħid il-Baudry, "nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu` o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu` o meno facile ingannarla";*

*Dan ma jistax ħlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta' kontraent wieħed għad-dannu ta' l-ieħor jammonta għad-dolo rikjest mil-ligi;*

*Jidher bil-wisq car minn dak ammess mill-istess attur illi hu rpoza l-fiducja tiegħu fil-konvenut venditur. Jidher daqstant ieħor pero` car illi l-attur, kif gja muri fuq, ma agixxiex b'mod prudenti. Għall-kuntrarju, sorprendentement ikkomporta ruħu b'leggerezza għamja. Multo magis, imbagħad, meta l-fatti kienu facilment accertabbli, kif hekk skopra tardivament wara l-akkwist;*

*Ikun tassew facli f'kazijiet konsimili kieku kellu jigi accettat illi bl-iskuza ta' l-allegata mala fede da parte ta' wieħed mill-kontraenti, il-kontraent l-ieħor japprofitta ruħu biex jezimi ruħu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex iħassar u jannulla ftehim konkjuz;*

*Jgħodd sew ghal kaz il-ħsieb akkolt mid-decizjoni fl-ismijiet "G. Germani Mifsud et nomine –vs- Chierico F. Bonnici", Appell Kummercjali, 4 ta' Gunju 1910:*

> *"... e` mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne` protezione ne` difesa ... se non e` state impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo` ascoltare la voce di colui che non puo` la slealta` altrui senza gettare sopra se stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatibile fiducia poteva molto facilmente essere istruita".*

17. Bid-debita bidliet li jsiru għall-kaz in eżami, dik id-deċiżjoni tapplika kważi eżatt għall-dan il-każ. Anke f'din il-kawża jidher bil-wisq ċar minn dak ammess mill-istess attur ill hu repoża l-fiduċja fil-konvenut missieru. Jidher daqstant ieħor, pero`, ċar illi l-attur ma aġixxiex b'mod prudenti. Għall-kuntrarju, sorprendentement ikkomporta ruħu b'leġġerezza għamja. *Multo magis*, imbagħad, meta l-fatti kienu faċilment aċċertabbli

meta tqis li mal-faċċata tad-dokument hemm miktub b'ittri kbar "***GUARANTEE***".

18. Stqarrija anti-ġuridika u kompletament żbaljata hija l-asserzjoni tal-attur fir-risposta tal-appell tiegħu illi l-fatt li ma qarax il-garanzija fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, "*huwa irrilevanti*". Din hi asserzjoni bla bażi għax jekk ma jaqrax dak li ffirma, irid jerfa' r-responsabilita` tagħha. Ma tistax persuna tressaq skuża li hi ma hiex marbuta b'kuntratt għax ma qratux qabel ma ffirmatu. Jekk persuna ma tafx taqra, trid titlob li jinqara lilha u jekk hemm bżonn, jiġi spjegat lilha, iżda jekk taqbad u tiffirma *imputet sibi*. L-attur donnu jaf li żbalja meta ffirma qabel ma qara d-dokument, għax waqt it-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti, id-difensur tiegħu qalet li l-attur "*illum-il ġurnata jaqra kollox għax tgħallimha l-lezzjoni*". Hija ħasra li l-lezzjoni tgħallimha wara l-fatt, imma għall-iżball li għamel ħadd ma għandu jbati ħlief hu stess. Jekk kuntratti jibdew jitħassru fuq stqarrijiet ta' aġir bi żball, jispiċċa l-fede li għandu jingħata lill-istess kuntratti, bil-konsegwenza ta' tħarbit fis-sistema tal-ordni ġuridiku.

19. L-attur jgħid li afda lil missieru. Dan jista' jkun minnu, pero`, il-Qorti tfakkar li skont l-Artikolu 980 tal-Kodiċi Ċivili, il-biża' biss ta' qima lejn il-missier "*mhux biżżejjed biex tannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun ġiet użata*". F'dan il-każ, ebda vjolenza ma biss ġiet allegata, u l-

firma a bażi ta' qima li l-attur seta' kellu lejn missieru ma tistax twassal biex jitħassar il-kuntratt.

20. Fl-aħħar nett din il-Qorti trid tagħmel riferenza għall-kawża oħra fl-ismijiet "**Borg v. Grima et**" deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ (per Imħallef A. Manchè) fit-3 ta' Ġunju, 1994, peress li l-fatti kienu kważi identiċi għall-preżenti kawża. F'dik il-kawża, il-konvenut St. John ġie mħarrek biex iħallas lill-bank fuq garanzija li ffirma, iżda eċċepixxa l-iżball peress li qal li hu ħaseb li kien qed jagħti "*specimen signature*" lill-Bank mhux ikun jista' joħroġ *cheques* f'isem kumpanija ta' sieħbu. Il-Qorti qalet li jista' jkun li l-kovenut St. John iffirma bi żball, iżda dak l-iżball ma kienx skużabbli għax kien messu qara d-dokument u kien jara fuq quddiem l-intestatura "*Guarantee*" li għalih kien qed jiffirma, u ċaħditlu d-difiża. Wieħed ma jistax jeħles mill-obbligazzjonijiet tiegħu billi jallega li ma qarax id-dokument li ffirma. L-attur ma hux xi bniedem injorant; għandu kemm 'O' levels u 'A' levels kif ukoll Higher Technical Diploma u ma jistax, allura, jgħid li xi ħadd abbuża mill-injoranza tiegħu.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell ta' Dr. Joseph Ferriggi u Nazzareno Borg billi tilqa' l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-attur appellat Carmel Charles Borg.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm